PARROĊĊA SAN PIETRU U SAN PAWL • IN-NADUR • GĦAWDEX
Uffiċċju: 2155 1649 • Dar Parrokkjali: 2156 0501 • www.nadurparish.com

'Ninbnew f'Dar ikkonsagrata lil Alla'

150 SENA KONSAGRAZZJONI
1867-2017

50 SENA BAŻILIKA
1967-2017

Programm taċ-ċelebrazzjonijiet biex ifakkru

IL-150 ANNIVERSARJU TAL-KONSAGRAZZJONI TAL-KNISJA, IL-50 SENA TAL-BAŻILIKA U L-50 SENA MIT-TWAQQIF TAL-BANDNA MNARJA

Il-Ħamis 27 t'April
6.30pm Marċ organizzat mill-Banda Mnarja, minn San Blas (kantuniera ma' Triq Daħlet Qorrot) sa Triq San Blas kantuniera ma' Triq Wied ir-Riħan.
7.30pm Quddiesa quddiem il-garaxx taż-Żimekk. Iqaddes il-Kan. Joseph Portelli.

Il-Ġimgħa 28 t'April - JUM IL-PARROĊĊA
7.15pm Quddiesa konċelebrata mmexxija mill-Isqof Mario Grech, fil-Knisja Parrokkjali, fl-okkażżjoni tat-329 anniversarju mit-twaqqif tal-Parroċċa.

Il-Ħamis 4 ta' Mejju
6.30pm Marċ organizzat mill-Banda Mnarja, minn Triq San Koronatu kantuniera ma' Triq ir-Rabat u jgħaddi minn Triq San Ġużepp, Triq Ħida, Triq il-Qorti tal-Uqija, Triq Duru u jispiċċa quddiem il-garaxx ta' Peter Mifsud.
7.30pm Quddiesa. Iqaddes il-Kan. Loreto Tabone.

Il-Ħamis 11 ta' Mejju
6.30pm Marċ organizzat mill-Banda Mnarja minn quddiem il-monument tal-Karnival għal Triq tal-Ħali, Triq Dun Ġużepp Camilleri, Triq Binġemma u jispiċċa quddiem il-garaxx ta' Charlie Muscat.
7.30pm Quddiesa. Iqaddes Mons. Salv Muscat.

Il-Ġimgħa 12 ta' Mejju - JUM IL-KONSAGRAZZJONI
7.15pm Quddiesa konċelebrata minn Mons. Isqof Mario Grech fil-Knisja Parrokkjali, b'tifkira tal-150 sena mill-konsagrazzjoni tal-Knisja Parrokkjali.

Is-Sibt 13 ta' Mejju
7.45pm SERATA "IL-MIXJA TA' POPLU", b'nisġa ta' reċtar, żfin u narrazzjoni fil-Knisja Parrokkjali. Din qiegħdha ssir biex tfakkar il-150 anniversarju mill-konsagrazzjoni tal-Knisja Parrokkjali.

Il-Ħamis 18 ta' Mejju
6.30pm Marċ organizzat mill-Banda Mnarja li jibda minn Triq it-Tiġrija quddiem l-iskola Primarja u li jgħaddi minn Triq il-Qala, Triq Sant'Andrija, Triq Grunju sa quddiem Dun Salv Grima.
7.30pm Quddiesa. Iqaddes Mons. Salv Grima.

Il-Ħamis 25 ta' Mejju
6.30pm Marċ organizzat mill-Banda Mnarja li jibda minn quddiem Ġnien il-Kunsill fi Triq Fatima, idur għal Triq il-Madonna ta' Lourdes, Triq it-Telegrafu, Triq it-Torri ta' Kenuna, Triq Karlu Zimech, Triq Papa Pawlu VI, Triq Girgor Buttigieg u Triq l-Arċ. Saver Cassar.
7.30pm Quddiesa fil-kappella. Iqaddes Dun Mark Bonello.

ĦIN TAL-QUDDIES

Ħdud u Festi: 5:15am; 6:30am; 8:00am; 9:15am; 10:30am; 11:45am; 5:00pm; 7:00pm
Matul il-Ġimgħa: 5:15am; 6:00pm; 7:00am; 7:45am; 8:30am; 9:30am; 5:30pm; 7:15pm
Is-Sibt filgħaxija: 6:00pm; 7:30pm
ĊIMITERJU: Mit-Tnejn sas-Sibt fis-7:15am
SORIJIET: 6:30am; il-Ħadd: 6:15am; 10:15am (bl-Ingliż)
KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: 6:15am; 11:30am; il-Ħadd: 7:00am

AVVIŻI

- Nhar il-Ħamis 27 ta' April ser issir **laqgħa għall-ġenituri tat-tfal li ser jagħmlu l-Ewwel Tqarbina**. POST: Mużew tas-Subien | ĦIN: 7:15pm | KELLIEM: Dun Simon Cachia.
- Ir-**Rebbieħa tal-Katina tad-Deheb** hija Tonina Buttigieg ta' Triq in-Nadur, il-Qala. Nifirħulha.
- Nitolbu lill-abbonati fi *Kliem il-Ħajja* biex jiġu għall-kopja tagħhom mill-Uffiċċju Parrokkjali.
- **Laqgħa Djoċesana għat-tfal tal-Griżma** nhar il-Ġimgħa 28 ta' April. POST: Parroċċa ta' San Lawrenz | TLUQ: 5:00pm mnejn il-Knisja tal-Qalb ta' Ġesu'.